# Qorti Kriminali

## Imhallef

## Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.

**Att ta' Akkuza**
**Nru: 11/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Aldo Saliba, Alex Saliba,**
**Carmel Saliba, Alexander Orsini,**
**Daniel Orsini u**
**-Omissis-**

**Ilum, 8 ta' Jannar, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 11/2000;

Rat id-digriet taghha tal-lum stess fejn fuq talba tal-prosekuzzjoni, mhux opposta, ordnat li l-proceduri kontra l-akkuzati Aldo Saliba, Alex Saliba, Carmel Saliba, Alexander Orsini u Daniel Orsini jigu trattati separatament mill-proceduri kontra xi akkuzati ohra li sa dan il-mument kienu ko-akkuzati mal-persuni msemmija f'dawn il-proceduri.

Semghet lill-hames akkuzati msemmija jammettu volontarjament u inkondizjonatament l-akkuzi dedotti kontrihom f'liema ammissjoni huma baqghu jippersistu anke wara li l-Qorti wissiethom dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni taghhom u tghathom iz-zmien necessarju sabiex, jekk iridu, jirrikonsidraw tali ammissjoni taghhom.

Tiddikjara lill-akkuzati hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontrihom, u cioe' **(A)** lill-**<u>Aldo Saliba</u>** talli:-

***1. mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, skond l-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***2. importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (eroina) f'Malta, skond it-Tieni Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***3. importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza tal-cannabis) f'Malta, skond it-Tielet Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***4. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Kap. 101, u dan skond ir-Raba Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***5. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 101, u dan skond il-Hames Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***6. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza tal-cannabis specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 101, u dan skond is-Sitt Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza; u (B) lill-Aldo Saliba, Alex Saliba, Carmel Saliba, Alexander Orsini u Daniel Orsini talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta biex ibieghu jew jittraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoccjazzjoni, u dan skond is-Seba Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza.***

Rat l-Atti tal-process specjalment biex tara ezattament x'kien, jew f'hiex kien jikkonsisti, l-involviment ta' kull wiehed mill-akkuzati dikjarati u misjuba hatja fl-Atti Kriminanti debitati lilhom u li huma ammettew.

Rat l-Artikoli 2 (1), 8 (a) (b), 9, 10, 10 (1), 12, 12 (1) (5), 14 (ii), 15, 15 A, 20, 22 (1) (a) (1B) 2 (a) (i) 2 (b) (i) (3A) (d), 22 (1) (a) (f), (aA) (aB) (2) (a) (i) (3A) (c) (d), 22 (f) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (GN 292/1939) kif ukoll l-Artikoli 23, 22 (1) (a) (2) (a) (i) (ii), 22 (2) (b) (i) u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-Avukat Prosekutur u lill-Avukati difensuri jittrattaw dwar il-piena.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u cioe',

***a) L-ammissjoni tal-persuni akkuzati misjuba hatja f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri qabel ma gie maghzul il-Guri, cioe' l-istadju meta huma setghu, skond il-ligi, jirregistraw ghall-ewwel darba din l-ammissjoni taghom f'dawn il-proceduri, u b'hekk gie ffrankat hafna hin u spejjes;***

***b) id-dikjarazzjoni ta' l-istess hatja li huma lesti li jaghtu d-deposizzjoni guramentata taghhom bhala xhieda tal-prosekuzzjoni fi proceduri kontra persuni ohra li sa qabel ma saret is-separazzjoni tal-gudizzju kienu ko-akkuzati maghhom, u ghalhekk issa huma producibbli bhala xhieda, liema fatt ghandu jghin aktar fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;***

***c) l-involviment marginali ta' l-akkuzati Alexander Orsini u Carmel Saliba fl-atti addebitati lilhom u d-differenza fl-involviment jew partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-hames persuni hatja fir-reati minnhom imwettqa.***

***d) l-ammont, sustanza u valur tad-droga in kwistjoni.***

***e) iz-zmien li l-hatja ilhom taht arrest preventiv u l-fedina penali taghhom.***

***f) kull cirkostanza ohra rilevanti.***

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkundanna (1) lill-hati ***Aldo Saliba*** fuq is-seba kapi kollha addebitati lilu ghall-piena karcerarja ta' tmin (8) snin, kif ukoll ghall-Multa ta' disa telef lira Maltin (Lm9,000) konvertibbli f'sitt xhur ohra ta' prigunerija jekk ma tithallasx skond  il-ligi, (2) lill-hatja ***Alexander Saliba*** u ***Daniel Orsini***, kull wiehed, ghall sitt (6) snin prigunerija, kif ukoll ghall-Multa ta' seba telef lira Maltin (Lm7,000) ukoll konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra jekk din ma tithallasx skond il-ligi, u (3) lill-hatja ***Carmel Saliba*** u ***Alexander Orsini***, kull wiehed, ghall-piena karcerarja ta' hames snin u nofs (5-1/2) kif wkoll ghall-Multa ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) konvertibbli fi tlett (3) xhur prigunerija ohra jekk ma tithallasx skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti sa fejn dawn jikkoncernaw lill-hames akkuzati misjuba hatja illum, u, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-istess hames hatja, solidalment bejnithom, li jhallsu lir-Registratur tal-Qorti wiehed minn seba parti (1/7), kull wiehed minnhom, mill-ispejjes peritali totali konnessi ma' dawn il-proceduri, cioe' l-ammont ta' Lm194.41 (mija, erba u disghin liri Maltin, u wiehed u erbghin centezmu), kull wiehed minnhom.

Il-Qorti mhiex qed tordna id-distruzzjoni tad-droga esebita stante  li din tista' tkun rikjesta bhala evidenza fi proceduri ohra.

Il-perjodu ta' arrest preventiv li kull wiehed mill-hames hatja ilu mizmum in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja mposta.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur